**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 06

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 15 t'Ottubru 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-5:00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Diane Abela Penza – Kunsillier
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ħadd ma kien assenti b'apoloġija

### ASSENTI:
Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Dorianne Bonnici Bondin – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

### 6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

6.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

### 6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 05

6.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-ħames laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

6.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti, mistoqsijiet jew matters arising u ma kienx hemm.

6.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia l-minuti tal-ħames laqgħa ġew approvati unanimament.

### 6.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

6.3.1 <u>Informazzjoni dwar Individwi</u>
Is-Sindku xtaq jagħmilha ċara li ħadd m'għandu jitlob informazzjonin jew dettalji dwar xogħolijiet tal-Kunsill u aktar u aktar informazzjoni ta' individwi li jkunu rreġistraw it-talbiet tagħhom ma' l-istess Kunsill. Kif ukoll l-impjegati tal-Kunsill għandhom direttiva stretta li ma jistgħux għall-ebda raġuni jagħtu dettalji jew informazzjoni lil ħadd anke lill-membri tal-Kunsill Lokali.

6.3.2 <u>Ħinijiet barra l-Uffiċċju</u>
Is-Sindku xtaq iżied ukoll li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, jew min qed jaġixxi floku m'għandux jiġi kkuntatjat wara l-ħin ta' l-uffiċċju jekk mhux għal xi raġunijiet ta' importanza urġenti. Is-Sindku kompla jżied ukoll Jekk ikun hemm xi materiji li wieħed jidirlu li ma jistgħux jistennew anke fil-weekend, jista' jikkuntatjaw lilu fil-ħinijiet kollha fejn spjega kif kulħadd għandu n-numru tal-mowbajl u b'hekk jiġu tratti l-problemi jekk ikun ta' materja urġenti dak il-ħin.

6.3.3 <u>Triq Depiro Gourgion</u>
Is-Sindku tkellem ukoll dwar Triq Depiro Gourgion fejn il-Water Service Corporation se tibdel il-main tas-sistema tad-drenaġġ ukoll għax instabu xi problemi.

6.3.4 <u>European Week for Regions and Cities</u>
Is-Sur Dalli tkellem ukoll dwarl-esperjenza tal-ġimgħa l-oħra ġewwa Brussel fil-European Week for Regions and Cities. Huwa spjega fejn dawn is-seminars li attenda flimkien ma' Sindki u Viċi Sindki mir-Reġjun Lvant kienu ta' interess ġenerali fejn saru xi kuntati ukoll biex inkunu nistgħu aktar il-quddiem naqsmu l-esperjenzi tagħna bħala Kunsill ma' Kunsilli oħra Ewropej,

6.3.5 <u>Sleeping Policeman – Triq Robert Mifsud Bonnici</u>
Is-Sindku spjega kif wara it-talba li kellna mis-Surmast ta' l-iskola Primarja ta' Ħal Lija fejn talab sleeping policeman oħra wara li ġiet approvata l-ewwel waħda minn Transport Malta, dan talab oħra viċin dik ta' l-ewwel. Is-Sindku kompla jispjega fejn kellimna s-Surmast u għamilna l-punt tal-Kunsill li mhux prattika li nagħmlu t-tieni hump minħabba li wara l-ħinijiet ta' l-iskola tkun ta' inkonvenjent għaliex kulħadd ikun irid joqgħod jieqaf darbtejn. Is-Sindku kompla jispjega li tajjeb li ngħidu ukoll li waqt id-dħul u l-ħruġ it-triq tkun magħluqa anke bl-assistenza tal-pulizija. Is-Surmast fehem il-pożizzjoni tagħna u għalhekk qbilna li ma napplikawx għat-tieni road hump.

## 6.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

6.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm, iżda s-Sindku wieġeb żewġ mistoqsijiet żgħar dak il-ħin li saru mill-Kap tal-Minoranza s-Sinjura Farrugia Muscia.

6.4.2 Is-Sinjura Farrugia Muscia staqsiet lis-Sindku dwar l-parkeġġ li tneħħa fi Triq Merino ħdejn il-ġnien ta' Merino fejn hi xtaqet tgħid li taqbel ħafna li tneħħa pero qed tisuġerixxi li jsir parkeġġ ieħor fi Triq is-Salvatur fil-kantuniera li ftuħ biex jiżdied parkeġġ biex jikkumpensa għal dak li tneħħa.

6.4.3 Is-Sindku spjega kif dak il-parkeġġ kien qiegħed jostakola l-andament ta' traffiku u kien qed joħloq inkonvenjent lir-residenti. Rigward il-proposta biex jiżdied parkeġġ ieħor kif qed tissuġerixxi il-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia qal li f'din laqgħa stess aktar il-quddiem ser nitkellmu dwar dan.

## 6.5 Korrispondenza

6.5.1 Ġie preżentat ir-rapport ta' Korrispondenza però ma kien hemm l-ebda mistoqsija dwaru.

## 6.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport ta' kull Kwart għall-perjodu Jan-Sep 2024

6.6.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat kif ir-rapport ta' kull kwart għall-perjodu Jan-Sep 2024 ma jistax jiġi mgħoddi llum għaliex għaddu qiegħed isir mill-Accountant tagħna u għalhekk ser jiġi preżentant il-ġimgħa dieħla fl-laqgħa urġenti.

## 6.7 Preparamenti għall-Milied 2024

6.7.1 Is-Sindku staqsa lill-Kap tal-Minoranza dwar id-dati tal-bookings għar-restaurant ta' ITS biex isir l-ikla ta' l-anzjani tal-Milied pero wara li saret diskursata fejn is-Sinjura Farrugia Muscia spjegat li restaurant ma jistax jieħu aktar minn 25 persuna ġie deċiż li l-ikla ta' l-anzjani ma ssirx ITS.

6.7.2 Is-Sindku reġgħa kkonferma d-dati tal-attivitajiet tal-Milied fosthom l-attivita' ta' Mother Christmas li ser issir it-Tnejn 23 ta' Diċembru 2024 fil-5:30pm.

6.7.3 Hawnhekk il-Minority Leader Lorraine Farrugia Musica ssuġerit biex il-Kunsill jagħti token bħal xi pack li jkun fih xi stationery lit-tfal dak inhar ta' l-attivita' tat-tqassim tar-rigali minn Mother Christmas.

6.7.4 Is-Sindku qal li jekk nagħtu xi ħaġa għandha tkun sabiħa imma fl-istess ħin irridu naraw l-ispejjes. Hawnhekk is-Sinjura Lorraine Farrugia Muscia staqsiet jekk din is-sena kemm ir-Reġjun Lvant kif ukoll MTA ser jerġaw jagħtuna l-fondi għall-Milied. Is-Sindku spjega fejn dawn il-fondi li jagħtuna rridu jintużaw għat-tiżjin fir-raħal u mhux għar-rigali pero kompla jżied li din hija idea tajba u filkas l-ispejjes jinħarġu mill-Kunsill Lokali.

6.7.5 Is-Sindku kompla jikkonferma li l-ikla tal-Milied għall-Kunsilliera u l-istaff għandha ssir il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru 2024. Kif ukoll il-Bibita għandha ssir il-Ġimgħa 27 ta' Diċembru 2024 fis-Sala tal-Kappillan fi Triq il-Kbira. Ikkonferma ukoll li l-ikla ta' anzjani ssir l-Erbgħa 18 ta' Diċembru 2024 f'nofsinhar.

6.7.6 Is-Sindku xtaq jissuġerixxi li jsir festin żgħir għat-tfal tar-raħal u l-Kunsillier Carl Betts ġibedt l-attenzjoni li minħabba li l-għaqdiet tar-raħal jagħmlu ukoll dan it-tip ta' festin biex jaqalaw xi ħaġa tal-flus ikun aħjar jekk il-Kunsill ma jorganizzax dan it-tip ta' festin biex ma jostakolax u jgħinn lil għaqdiet. Hawnhekk kulħadd qabel dwar dan.

6.7.7 Is-Sindku ssuġerixxa li din is-sena l-fuljett tal-Milied ma jsirx biex inaqqsu ftit l-ispejjes u minflokk nagħmlu flyer forma ta' kartolina fejn jitniżlu l-attivitajiet kollha tal-Milied fosthom ta' Mother Christmas, Christmas Market u attivitajiet oħra tal-Milied anke ta' l-għaqdiet.

6.7.8 Is-Sindku kompla jgħid dwar it-tiżjin tal-Milied ġewwa r-raħal fejn spjega li l-Għaqda Festi Esterni tatna kwotazzjoni dwar it-tiżjin tas-siġar fi Vjal it-Trasfigurazzjoni mill-Pjazza sa tarf tal-Vjal għall-ammont ta' €2,000.00 u dekorazzjonijiet ta' disinji jiswew €400 il- waħda. Huwa spjega li l-aħjar isiru 3 disinji għal din is-sena waħda ssir fi triq il-Forn fejn il-museum tal-Bniet, oħra ssir fi triq il-Forn fejn il-Football Club u l-oħra ssir fi triq il-Knisja. Huwa spjega ukoll li ser isir fustun tad-dawl mdawwrin magħhom.

## 6.8 Christmas Market 2024

6.8.1 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-Christmas Market fejn iltaqa' mal-għaqdiet u ser nerġaw niltaqaw magħhom fejn ser jidiskutu dwar x'ser ikunu ser ibiegħu bħala ikel dak inhar biex kulħadd ikun differenti. Hu kompla jżied li s'issa ser jieħdu sehem il-Kumitat taż-żgħażagħ San Pio X, Soċjeta' Sant'Andrija, Kumitat Festi Esterni, Helpers tal-Parroċċa, Grupp tal-anzjani ta' Ħal Lija, Nursery Lija/ Iklin Football Club kif ukoll Lija Women Football Club. Is-Sindku spjega li fuq l-stands ta' l-għaqdiet ser jiġi mifthiem x'ikel ser ibiegħu biex kif diġa għedna kulħadd ikun differenti. Dwar ix-xorb ser ikun hemm stand bix-xorb waħda u l-qliegħ minnha ser jinqassam bejn l-għaqdiet kollha li jieħdu sehem.

6.8.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat kif ġew ordnati 7 kanizatti mingħand l-MTA u Sindku kompla jgħid li dawn il-kanizatti ser jiġu armati ġewwa u għandna l-ħsieb ukoll li nordnaw xi umbrelle kbar għal barra u bħala tiżjin għal ġo sala ser nsibu lil xi ħadd fuq dan ix-xogħol biex is-sala tiġi armata kif suppost għal żmien il-Milied.

6.8.3 Is-Sindku kompla jgħid fejn f'din l-attivita' ser ikun hemm kant, għana, logħob għat-tfal u anke entertainment matul il-ħin kollu tal-Christmas Market. Bħala dati ser ikunu l-Ġimgħa 13 u s-Sibt 14 ta' Diċembru 2024 u bħala ħinijiet suġġerit bejn 10am – 6pm. Is-Sindku kompla jispjega ukoll li ser isir reklamar addatat dwar dan l-avveniment biex kemm jista jkun jiġi reklamat kif suppost.

## 6.9 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

6.9.1 <u>Laqgħa tal-Lokalita' Diċembru 2024</u>
Id- Deputat Segretarju Eżekuttiv xtaqet tfakkar lill-Kunsill Lokali li f'Diċembru propju sa 15 ta' Diċembru 2024 trid isir il-Laqgħa tal-Lokalita'.

6.9.2 Wara li saret diskussjoni ġie deċiż li l-Laqgħa tal-Lokalita' issir it-Tnejn 09 ta' Diċembru 2024 fi 6:30pm ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

6.9.3 <u>Ħruġ ta' Kwotazzjoni – Data Protection Officer</u>
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar li fil-bidu ta' Novembru ser jiskadi l-kuntratt ta' Data Protection Officer u għalhekk xtaqet tavża lill-Kunsill Lokali li ser tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni dwar dan.

6.9.4 Kulħadd qabel unanimamet dwar dan.

6.q 9.5 <u>Tender dwar Patching</u>
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tkellmet ukoll kif reġgħa ħareġ it-Tender dwar il-Patching u li ġew sottometti żewġ offerti.

6.9.6 Hija xtaqet tinforma l-Kunsill Lokali li bħalissa qegħdin fil-proċess tal-aġudikar fejn l-board għandu jiltaqa' biex jibda l-proċess ta' l-aġudikar ta' dan it-tender.

6.9.7 <u>Parkeġġ fi Triq is-Salvatur u Triq id-Dejqa</u>
Is-Sindku reġgħa tkellem dwar il-plotting tal-parkeġġ fi Triq is-Salvatur flimkien ma' parti minn triq id-Dejqa. Huwa preżenta l-pjanta ta' kif kien issuġerixxa l-perit li ssir dak iż-żmien fejn hu mar onsite u rranġa xi affarijiet u ressaqhom lill-Kunsill.

6.9.8 Is-Sindku kompla jispjega li quddiem il-gate tas-Salvatur il-Qadim għandu jsir parkeġġ għaliex dak il-bieb ma tantx jintuża u meta l-Kappillan ikollu xi tieġ jew ikollu xi attivita' fil-kappella jsir no parking sign biex b'hekk ma jintilifx parkeġġ għalxejn. Hu kompla jgħid li jekk il-gate tas-Salvatur il-Qadim tintuża regolari umbagħad isir kaxxa safara. Huwa kompla jurihom il-pjanta biex jekk kulħadd jaqbel isiru dawn il-parkeġġi. Wara li saret diskussjoni dwar dan il-parkeġġ ġie deċiż li għandhom isiru kif inhu spjegat fil-pjanta li preżenta s-Sindku.

6.9.9 <u>Vaċċin tal-influwenza 2024</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fuq il-mejda imejl mingħand il-Ministeru tas-Saħħa dwar il-vaċċin ta' l-influenza din is-sena 2024.Hija spjegat li din is-sena ser tkun ftit differenti mis-snin ta' qabel għar-raġuni li minbarra t-tilqim b'xejn kontra l-infuenza u l-Covid 19 wieħed ser ikun jista jiġi offrut ukoll il-vaċċin ta' Pnewmokokkali 20 (PCV20). Hawnhekk kompliet tispjega fejn dan l-aħħar vaċċin PCV20 huwa vaċċin fejn jipproteġġi kontra infezzjonijiet serji bħal infezzjonijiet tas-sider u sepsis, b'mod partikulari f'adulti akbar fl-eta. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv kompliet tispjega kif dawn it-tlett vaċċini jistgħu jingħataw f'sessjoni waħda u allura bħala prevenzjoni importanti li dawn jingħataw fil-preżenza ta' tabib mediku. F'din l-imejl hemm ukoll li għalhekk ġie suġġerit li l-vaċċini jingħataw fiċ-Ċentri tas-Saħħa, speċjalment minħabba riskji li jistgħu jinqalgħu. Pero madankollu l-Ministeru tas-Saħħa lest li jikkopera u jikkolabora mal-Kunsilli Lokali li jixtiequ li dawn il-vaċċini jingħataw fil-Kunsilli Lokali.

6.9.10 Is-Sindku ssuġerixxa li naraw jekk insibux tabib u jagħtina parir biex dawn il-vaċċini jingħataw il-Kunsill Lokali u kulħadd qabel dwar dan unanimament.

6.9.11 <u>Ktieb ġdid dwar il-Ħajja Soċjali fl-Ibliet fosthom Ħal Lija</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat kif irċevejna flyer dwar xi ktieb li nħareġ ġdid dwar il-ħajja soċjali fl-ibliet fosthom f'Ħal Lija fejn hemm xi partijiet minn dan il-ktieb li jitkellem fuq il-ħajja ta' dak iż-żmien fosthom in-nies ta' Ħal Lija u għalhekk is-Sindku ssuġerixxa biex dan il-ktieb jinxtata u jinżamm fil-librerija tal-Kunsill Lokali.

6.9.12 Kulħadd qabel li għandna nixtru dan il-ktieb biex jinżam fil-librerija tal-Kunsill.

## 6.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

6.10.1 Qabel ma tressqet għall-approvazzjoni finali din l-iskeda, s-Sindku xtaq jerġa jikkjarifika li l-kont tar-Reġjun tal-ġbir ta' l-iskart domestiku għax-xahar ta' Settembru 2024 li fih jinkorpora ukoll ġbir ta' skart miċ-ċimiterju, skond kif kien ġie ddikjarat mir-Reġjun stess l-ispiża li għandha x'taqsam mal-ġbir ta' skart taċ-ċimiterju ser titħallas mill-Wasteserv Malta Ltd u kull m'għadd fadal hu li jiffirmaw il-kuntratt u għalhekk l-ammont ta' €377.60 ġie mnaqqs.

6.10.2 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 10/24 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €56.66 għax-xahar ta' Settembru 2024.

6.10.3 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 10/24) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Carl Betts li kienet issekondatha mill-Kunsillier Diane Abela Penza. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv lura.

## 6.11 Mozzjonijiet

6.11.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet kif mozzjonijiet ma kienx hemm.

## 6.12 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

6.12.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet kif applikazzjonijiet alarmanti riċenti ma kienx hemm. Pero kien hemm applikazzjoni waħda PA/06733/24 dwar numru 7, Trejqet Francis Anthony Ebejer fejn ġie suġerit mit-town planner tal-Kunsill biex tinkiteb ittra tal-konsultazzjoni lil MEPA dwar il-faċċata ta' din il-binja minħabba li qiegħeda fl-area ta'l-UCA u għalhekk għandha tintbagħat fiż-żmien stipulat.

6.12.2 Wara li saret diskussjoni mill-Kunsilliera kulħadd qabel unanimament li għanda tintbagħat din l-ittra ta' konsultazzjoni lill-MEPA.

## 6.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

6.13.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

6.13.2 Il-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia xtaqet tistaqsi jekk it-tour guide ġiex ikkuntatjat dwar il-ħarġa ġewwa l-Imdina li ser isir mill-Kunsill Lokali.

6.13.3 Hawnhekk il-Viċi Sindku spjega kif għandu jċempel lil dan it-tour guide illum wara nofsinhar pero sadanitant kellem tour guide oħra il-fee tagħha hija nominal fee ta' €20.00 għal tour bejn 10:00am u 11:45am fejn ser induru l-Katidral u l-mużew tal-Katidral. Hu kompla jispjega li mingħandu l-Heritage passport jidħol b'xejn il-mużew tal-Katidral u għandu jiċċekja biex jara min m'għandux dan jew għandu inqas minn 60 sena x'inhi l-fee. Il-Viċi Sindku kompla jgħid ukoll li ser induru ukoll l-parti tal-Bella Vista ġewwa l-Imdina u wara hemm xi siegħa u nofs free time biex min irid jieħu xi ħaġa jista' jagħmel dan biex umbagħad għal xi 1:30pm nitilqu lejn Ħal Lija.

6.13.4 Il-Kunsilliera Diane Abela Penza spjegat kif din il-ġimgħa propja l-Ħamis ser jibdew il-fitness classes fejn dawn ser isiru fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv u f'kas ta' maltemp isiru fis-Sala tal-Kappillan fi Triq il-Kbira.

6.13.5 Il-Kunsillier Carl Betts xtaqt jistaqsi x'nistgħu nagħmlu dwar il-ħmieġ tal-ħamiem jekk nistaw nsibu xi soluzzjoni dwar dan.

6.13.6 Hawnhekk is-Sindku s-Sur Anthony Dalli spjega kif matul is-snin il-Kunsill Lokali prova diversi mezzi biex inaqqas il-ħamiem u l-ħmieġ li ġibu magħhom fit-toroq. Huwa spjega li fost dawn il-mezzi l-Kunsill kien għamel għalf biex dawn il-ħamiem ma jkatrux aktar f'diversi areas u kien ġab ukoll seqer għall-perjodu biex igerexx dawn il-ħamiem imma kien kollu ta' xejn.

6.13.7 Il-Kunsillier Carl Betts kompla jistaqsi jekk jistax jitnaddaf regolari u hawnhekk is-Sindku spejga kif kull ġimgħa dawn it-toroq isiru. Kif ukoll spjega li fil-kuntratt il-ġdid tal-knis fih hemm ukoll l-użu ta' powerwash. Allura kif il-kuntratt jibda fis-seħħ dan jibda jsir regolari speċjalment fis-sajf.

6.13.8 Il-Kunsilliera Diane Abela Penza xtaqet tirrimarka xi ħaġa żgħira li fuq il-website tal-Kunsill Lokali għadhom qiegħdin jidhru l-ismijiet tal-Kunsilliera preċedenti.

6.13.9 Hawnhekk id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex dawn jinbidlu kif suppost.

6.13.10 Il-Ħin kien 6:04pm x'ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru 2024 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fil-5:00pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tnejn 18 ta' Novemberu 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Dorianne Bonnici Bondin |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |